Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell Numru 34/2016**

Doreen Camilleri

Vs

Il-Kummissarju għall-informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Sentenza 24 ta' Ottubru 2017

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra r-rikors tal-appell ta' Doreen Camilleri li permezz tiegħu talbet li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tas-17 ta' Ġunju 2016 u għaldaqstant iħassar l-effetti kollha tad-deċiżjoni u konsegwentement jordna lil Kummissarju sabiex jerġa jikkunsidra l-każ mil-ġdid skont ir-rizultanzi ta' dan l-onorabbli Tribunal u billi jieħu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet kollha relattivi tal-appellanta.

Ra r-risposta tal-Kummissarju appellat li permezz tiegħu talab li dan l-appell jiġi miċħud stante li l-Aġenzija fejn kienet taħdem l-appellanti eċċediet b'mod leġittimu għall-email account tal-appellant esklussivament minħabba l-iskop ta' kontinwita u dan billi użat l-Approved Proxy method u b'hekk l-Agenzija mxiet b'konformita mal-Att.

Ra l-provi u d-dokumenti prodotti.

Fl-affidavit tagħha l-appellanti xehdet li l-impjieg ġiet terminat lilha fit-8 ta' Frar 2017 erbat ijiem biss qabel ma skadielha l-perjodu tal-probation mal-European Union Programmes Agency (EUPA) hawn isfel imsejħa 'l-Agenzija'. L-għada hija rritornat c-ċwievet u l-apparat elettroniku li kellha fil-pussess tagħha. Fit-12 ta' Frar 2017 hija skopriet minn uffiċjal tal-MITA li fid-9 ta' Frar kien diġà inqatgħalha l-aċċess għal mailbox tagħha, saret talba lil MITA mill-Aġenzija taħt pretensjonijiet foloz sabiex tinbidel l-password tal-mailbox tagħha mingħajr ma hija kienet mgħarfa.

Hija tiċħad li għamlet tali talba u wara li l-uffiċjal talabha l-ID number tagħha u ġiet konfermata li t-talba saret fuq id-domain account tal-MITA f'isimha u li dan l-uffiċjal tal-MITA informaha li kienet hija li talbet għal tibdil fil-password tagħha għax kellha xi problema fl-account.

Hija talbet biex tkellem lil Manager ta' dan l-uffiċjal tal-MITA dwar dawn l-fatti li skopriet u li mill-ewwel oġġezzjonat għaliha iżda t-talba tagħha ma ġietx milqugħa iżda assigurawha li kienet ser tittieħed nota. Aktar tard ċemplilha uffiċjal li jikkoordina ma' Chief Information Officers fil-Ministeri u assigurawha li minn dakinhar mhux ser tintbagħat iżjed posta elettronika mill-mailbox tagħha.

Il-log li ġie provdut lilha fuq talba tagħha mil-Kummissarju tad-Data juri li l-log ta' posta elettronika li ġiet skambjata minn uffiċjali tal-Aġenzija (EUPA) mil-mailbox li kienet f'isimha juri fost oħrajn, acknowledgement mill-MITA għat-talba li kienet saret dwar l-account tagħha e-mail b'titolu "2027014 Password related issues username camid099-solved." Din il-kommunikazzjoni għalkemm intbagħtet lilha fuq l-account tagħha (camidor099) li hija ma irċevietx u lanqas kien possibbli li t'irċevieha għaliex sa dak il-ħin li intbagħtet kien diġà nqatalha l-access għal mailbox. L-email mingħand il-MITA lil Information Management Unit fi ħdan il-MEDE turi biċ-ċar li account hu proprjetà ta' min jimpjega daqstant ma hemmx dubju li l-kontenut ta' dak l-account hija u tibqa responsabiltà tal-utent.

Bħala utent hija qatt ma għamlet l-ebda talba jew ġiet mgħarfa biha. Hija kkwotat lill-Kummissarju fid-deċiżjoni fejn itenni li:

*"...by using the Approved Proxy method, whereby the ministry, department, authority, agency or otherwise, nominates a delegated password proxy who will act as the secure channel through whom the request is made and to whom the new password will be sent. When this method is used, it shall be within the responsibility of the proxy to send the new password to the user who would have originally requested the change; and consequently MITA from a security point of view would no longer be responsible for the password."*

L-appellanti tfakkar li l-account ma kien xi generic account u baqgħa attiv sal-25 ta' Frar. Hija ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Kummissarju li l-email ta' impjegat m huwiex proprjetà tal-utent iżda ta' min iħaddem u dan minkejja l-fatt li l-email ikun jaqra l-isem u l-kunjom tal-impjegat. Hija taqbel li l-account mhux proprjetà personali tagħha iżda hija qatt ma tat d-dritt lil ħadd li juża isimha biex jikkomunika ma oħrajn.

L-oġġezzjoni tagħha hija primarjament għaliex l-ebda rikjesta ma saritilha sabiex l-Aġenzija tingħata aċċess għal mailbox tagħha; li meta hija rritornat l-apparat elettroniku u c-ċwievet lura lill-Agenzija, numru ta' posta elettronika mil-mailbox tagħha li nżammet attiva sal-25 ta' Frar 2016 mingħajr ma hija kellha aċċess għaliha u wisq anqas kien hemm l-awtorizzazzjoni tagħha; rikjesta abuziva ta' bdil fil-password, abbuż potenzjali tal-mailbox tal-posta elettronika tagħha, tħaddim tal-mailbox għal tmintax-il ġurnata mit-terminazzjoni ta' mpjieg tagħha mingħajr l-għarfien u l-kunsens tagħha u l-qtugħ fl-aċċess għal mailbox. Hija talbet ukoll li tingħata aċċess għal posta elettronika li intbagħtet b'isimha wara li nqatgħalha l-aċċess għal mailbox, konferma li l-account kien magħluq, kumpens u dikjarazzjoni mill-Aġenzija fejn jingħad li hija m'hijiex responsabbli fir-rigward tal-użu abuziv tal-mailbox tagħha u l-posta elettronika li ntbgħatet.

Hija ssostni li mhux minnu li l-Aġenzija ma għandha l-ebda forma ta aċċess jew kontroll fuq l-account tal-posta elettronika ta' utent u dan għaliex ftit siegħat wara li ġie terminat l-impjieg tagħha inbidlet il-password tal-account tal-posta elettronika tagħha sabiex din ġiet ġestita mill-Aġenzija stess u dan b'detriment għaliha għaliex kull aċċess għall-accounts tagħha inqata bla ebda avviż.

Hija tikkontendi li ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta għandha dritt li tingħata informazzjoni bil-miktub dwar informazzjoni fuqha dwar data li tkun proċessata, minn fejn tkun inġabret din l-informazzjoni, l-iskop tal-ipproċessar, lil min ġiet żvelata l-informazzjoni u konoxxenza tal-loġika involuta f'xi pproċessar awtomatiku ta' data li jirrigwardawha.

L-appellanti qed tikkontesta kif ġie użat l-proxy method għal skopijiet tal-Aġenzija liema skopijiet li ma kienux ta' business continuity u b'pretensjonijiet foloz u li ma żammewx mal-proċedura fit-totalita tagħha. Veru li dokument intern tal-Aġenzija jistabbilixxi l-proċedura ta' x'għandu jsir ġaladarba jiġi terminat impjieg, li l-impjegati huma rikjesti sabiex jiżguraw li l-posta elettronika hija arkivjata qabel l–għeluq tal-account tagħhom. Hija f'dan il-każ ma ngħtatx ħin biżżejjed sabiex issegwi din il-proċeduri stante li l-impjieg tagħha ġie terminat fl-4.30pm. Din il-proċedura tispeċifika li direttur li kellu l-impjieg tiegħu terminat għandu jarkivja l-mails sistema li saret fuq inizjattiva tagħha.

Hija tiċħad li ma kienetx disponibbli kif qed tallega l-Aġenzija. Hija tikkontendi li l-Aġenzija ma kellhiex taċċessa l-account tagħha abbużivament fid-9 ta' Frar filgħodu meta kien hemm qbil li l-apparat elettroniku kellu jiġi ritornat dakinhar stess wara nofsinhar. Fid-9 ta' Frar ebda email ma ġiet girata mil-mailbox tagħha u li mhux minnu li r-rikjesta li saret lil MITA sabiex tigi risettjata l-password tal-account tagħha saret dakinhar wara nofsinhar għaliex kif wieħed jista' jara mis-Security Investigation Report l-ewwel email rċevuta fil-mailbox tiegħu fir-rigward tal-password mil-MITA kienet fil-11.25am liema rikjesta ġiet mmarkata bħala solved mil-MITA. l-emails li ġew irċevuti fid-9 ta' Frar 2016 ma ġewx girati lil management tal-Agenzija għalkemm dawn jistgħu jiġu ritenuti li huma importanti mentri dawk tal-11 u 12 ta' Frar 2016 ġew girati.

Hija tikkontendi li meta l-MITA bidlet il-password il-MITA kellha tibgħat l-password lil l-utent li jkun irrikjeda tibdil fil-password f'dan il-każ l-utent kienet hija għaliex l-account li f'ismu ġiet magħmula din it-talba kien l-account tagħha.

In kontro-eżami l-appellanti reġgħet ikkonfermat li l-Aġenzija użat il-proxy method u hija tikkontendi li l-proxy method ġie abbużat għaliex hija ma ġietx infurmata u għax l-proċedura tgħid li jkun hemm tibdil fil-password jekk il user jitlob jew jiġi mġarraf b'dan it-tibdil u hija ma ġietx notifikata b'dan it-tibdil.

Ra x-xhieda ta' Ronald Abdilla, Service Call Centre Manager mal-Mita li permezz tagħha spjega l-proċedura biex tinbidel password. Il-MITA tiġi kuntattjata biex tagħmel reset tal-password u tiġi mibdula u din it-talba tintbagħat jew lil proxy jiġifieri unit jew team li ġie approvat biex jihendilja passwords f'isem section jew dipartiment partikolari jew inkella l-persuna li jiġi għaliha l-MITA billi jipproduċi identification jew jekk irreġistra qabel nofsha fuq third party account u nofsha fuq mobile.

Huwa kkonferma li fil-każ tal-appellanti r-reset tal-password saret bis-sistema ta' proxy. Il-password reset jintalab għax jew illokjalu l-account jew għax skadielu. Ikkonferma wkoll li fid-9 ta' Frar huma kellhom struzzjoni biex jibdlu l-password. L-appellanti cemplitilhom tilmenta li hija ma setgħetx taċċessa l-mailbox u bħala proċess ta' good governance huma qalu li jista' jkun hemm konflitt u għalhekk informat is-security department u fil-15 ta' Frar l-account ġie disabled. Huwa infurmaha li kien hemm talba to reset the password u dak il-ħin MITA reġgħet irrisetjat l-password biex l-aċċess jerġa jingħalaq u l-account ġie disabled sabiex ma jkunx jista' jiġi aċċessat.

In kontro-eżami li r-request biex tinbidel l-password saret b'telefonata u li kull inċident li jiġi loggjat jiġi notified lil user bl-email. U li waħda mill-actions li ssir meta jagħmlu l-password reset, huma jagħmlu enabling li user must change password on next login u għadda password u l-ewwel azzjoni hija li tibdel dak li ntbagħat għax inkella ser tkun shared. Il-ħsieb tal-email hija li min ħa l-password li jikkomunika lil end user.

Xehdet Roberta Abigail Vella ICT Officer l-IMU MEDE fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. Hija spjegat li meta xi ħadd jiġi impjegat mal-Ministeru l-Head of Section fejn ġie impjegat jingħata formla mimlija bid-dettalji bħal kariga telefon, u x'aċċessi għandu bżonn. Huwa jkollhom bżonn corp account biex jużawh għall-internet u email. Din tiġi approvata mil-head of section u tintbagħat it-taqsima fejn taħdem hi u huma jillogjaw l-ERS cioe Electronic Request for service li hija sistema online tal-MITA fejn idaħlu dettalji tal-user konċernat u jitolbu l-aċċess li jkun imniżżel f'din il-formula. Meta huma jikkrejaw account ġdid il-user tinħareġ password għal user li tintbagħat lil IMU f'generic mailbox imu.mede@gov.mt li għandhom aċċess għalih huma biss tal-IMU MEDE. Il-user ħafna drabi jikkuntatjawhom u jgħidilhom li ntbagħatet l-password u jibghatuha lil head of section jew IT personel f'każ li jkun hemm IT section.

Biex password tinbidel Vella spjegat li IMU ikun aware meta user iċċemplilhom jgħidilhom li MITA irrisetja l-password u jaqsmuhom biex jgħadduhomlhom. Jitolbuhom għal password reset ir-request irid jiġi illogjat mal-MITA l-ewwel.

Hija spjegat li l-MITA jużaw is-sistema tal-proxy u meta jirċevu l-password huma jifforwardjawha gol mailbox li jtihom jew IT manager jew il-Head of Section bl-iskop li jgħadduha lil persuna konċernata u jidwidawha kif tirrisetja l-password.

In kontro-eżami hija kkonfermat li min jagħmel it-talba għar-resetting tal-password hija l-persuna partikolari ta' dak l-account u f'dan il-każ r-request saret minn Doreen Camilleri. Fis-16 ta' Frar huma irċevew telefonata mil-MITA u infurmawhom li l-appellanti ikkuntatjathom għax ma kellhiex aċċess għall-accounts u meta indagaw u Mr Lugaro informahom li saret password reset għall-appellanti u ghaddewhielu. Fis-16 ta' Frar huma saru jafu li l-appellanti ma kienetx għadha taħdem mal-EUPA. Hija spjegat li hemm policy li l-account suppost irid jintuża from a business aspect u ma tkoprix il-policy jekk persuna tkunx telqet. Bħala business continuity għandhom dritt li jkollhom dik l-informazzjoni però bl-amment ma tafx x'hemm miktub. Mistoqsija jekk hemm restriction fil-policy li persuna tuża email account ta' persuna oħra f'każ li jirriżenja jew jispiċċa x-xhud wieġbet li l-Head of Section għandu dritt li jkollu aċċess .

Joseph Schembri, CEO , National Coordinator tal-EUPA xehed li fit-8 ta' Frar 2016 l-appellanti kienet national coordinator u huwa kien direttur fil-Ministeru. L-għada 9 ta' Frar hija ħarġet mill-Aġenzija u huwa inħatar minflokha. Għamel management meeting u l-managers qalulu li riedu aċċess għall-informazzjoni bejn EU Commission u l-Agenzija. Kien hemm rapport biex jiġi sottomess mill-Aġenzija u għalhekk riedu li jkollhom informazzjoni li hija bl-email. Certu delays fis-sottomissjonijiet jista' jkun hemm penalties jekk ma jaċċessawx din l-informazzjoni. Any delay could lead to penalties. Huwa ried jevitaw dawn l-penali u l-ewwel ipprova jċempel lill-appellanti u ma irnexxielux u kellhom jaġixxu b'mod urġenti. Informa lil Mark Lungaro u bdew l-proċess biex ikollhom aċċess. Kien hemm l-IMU u l-IMU tal-Ministeru u l-Ministeru mill-ewwel aġixxa billi baghatilhom email biex ituhom access. Huwa jiċħad li ġiet użata l-email address tagħha u l-użu kien limitat biss għall-użu tax-xogħol u l-użu tal-mailbox tal-appellanti.

In kontro-eżami huwa xehed li l-unika persuna li kellha użu għalieh kien Mr Lungaro. Lungaro through IMU imbagħad marru għand MTA. Etikament huwa ħass li kellu jinforma lill-appellanti u pprova jċemplilha.

Xehed bil-ġurament Mark Lungaro:

Huwa xehed li xogħolu huwa ta' IT manager EUPA li f'dan il-każ kien hemm bżonn ikun hemm aċċess għal business continuity. Fid-9 ta' Frar ġew infurmati li nħatar coordinator ġdid u ddiskutew l-handover report mal-appellanti u waqt management meeting qam il-bżonn li email ta' l-appellanti ikun hemm aċċess għalih minħabba li ma setgħux iħallu korrispondenza tal-Kummissjoni għaddejja.

Ppruvaw iċemplu lill-appellanti iżda ma qabduhiex u ċemplu l-MITA biex jirrisetja password tal-account tal-appellanti li aċċess għalih kellu huwa biss. Huwa irċieva l-password mil-IMU u jikkonferma li jużaw sistema ta' proxy. IMU jirċievu password u jiffowardjaw lilu. Kif ikollu l-password irrisetjat huwa kellu aċċess għal mailbox. Huwa kull ma kien qed jara kien jekk irċevewx emails ġodda u jekk kien hemm emails ġodda dawn jagħmilhom forward lil persuni rispettivi. Huwa kkonferma li dawn l-mails biss bagħat internament.

In kontro-eżami Lungaro spjega li l-mailbox ma setgħetx tingħalaq immedjatament stante li hemm proċess formali. Huwa jaf li l-account kien ġie disabled għax ġie infurmat. Bħala policies huma jużaw l-policy tal-MITA dwar l-użu tal-account minn terza persuna. Huwa biss kellu aċċess għal dan l-account u l-appellanti irċeviet email u huwa fforwardja l-email lil programme managers. Dan ħareġ mill-account tal-appellanti.

Ra d-dokumenti kollha esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2017 li permezz tagħha l-partijiet iddikjaraw li ma għandhomx aktar provi u jixtiequ jagħmlu noti u hekk sar.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Ikkunsidra:</u>**

8 ta' Frar 2016

Li l-appellanti kienet impjegata bħala Koordinatur Nazzjonali tal-fondi Ewropej fi ħdan il-European Union Programmes Agency u tlett ijiem qabel skada l-perjodu tal-probation tagħha cioe fit-8 ta' Frar 2016 ġie terminat l-impjieg tagħha.

9 ta' Frar 2016

L-appellanti rritornat l-apparat elettroniku li kellha fil-pussess tagħha u c-ċwievet tal-uffiċju.

12 ta' Frar 2016

L-appellanti saret taf li inqatgħalha l-aċċess għal mailbox tagħha stante li bl-email address tagħha saret talba sabiex tinbidel l-password tal-mailbox tagħha mingħajr ma hija ġiet infurmata.

25 ta' Frar 2016

L-account tagħha baqa' attiv sal-25 ta' Frar 2016 għalkemm ma kienx xi generic account.

Il-proċedura ta' x'għandu jsir la jiġi terminat impjieg hija li l-impjegati huma mitluba sabiex jiżguraw li l-posta elettronika hija arkivjata qabel l-għeluq tal-account tagħhom sabiex tali posta tiġi salvagwardjata u dan għal benefiċċju tal-kontinwita tan-negozju.

Il-Kummissarju jikkontendi li l-email ta' impjegat m'huwiex proprjetà tal-utent iżda ta' min qed iħaddem u dan minkejja l-fatt li l-email ikun jara l-isem u l-kunjom tal-impjegat. Ladarba l-appellanti ma baqgħetx impjegata mal-Aġenzija l-istess Aġenzija kellha interess leġittimu sabiex taċċessa l-email account tal-appellanti u allura jkun jista' jitkompla x-xogħol.

L-appellanti tikkontendi li l-Aġenzija kien imissha avżata li ser tibdel il-password tagħha u li mhux minnu li hija ma kienetx raggungibbli, li Mark Lungaro IT manager tal-Aġenzija kiser id-drittijiet tagħha tal-protezzjoni tad-data personali tagħha meta abbużivament biddel il-password, tħaddim tal-mailbox tagħha għal tmintax-il ġurnata mit-terminazzjoni ta' impjieg tagħha mingħajr l-għarfien u l-kunsens tagħha u l-qtugħ fl-aċċess għal mailbox.

L-appellanti qed titlob li tingħata aċċess għal posta elettronika mibgħuta b'isimha wara li nqatgħalha l-aċċess għal mailbox, konferma li l-account kien magħluq, kumpens u dikjarazzjoni li l-Aġenzija għamlet użu abbużiv tal-mailbox tagħha u l-posta elettronika li ntbagħtet.

L-Aġenzija tikkontendi li kien hemm urġenza biex isir dan stante li f'xogħolha jkun hemm deadlines u penali jekk tali deadlines ma jiġux osservati. Mark Lungaro kien l-uniku persuna li kellu aċċess għal din il-mailbox u li huwa biss kellu aċċess għal dan l-account u li huwa fforwardja żewġ emails ġodda li kien hemm lil programme managers għax ma jkunx jista' jirrispondi l-emails iżda jiffowerdjawhom.

Jiġi rilevat li meta user jinsa l-password irid jirrikorri għal dak imsejjaħ proxy. Dan huwa individwu identifikat li jkun jista' jitlob password ġdida f isem dak il user li nesa l-password tiegħu. Ir-raġuni hija li l-user ma jkunx jista' jibgħat email for change of password la darba ma jistax jidħol fil-mail box tiegħu. Meta l MITA jipproċessaw din it-talba l-proxy jirċievi password temporanja. Din tiġi mgħoddija lil user. Meta juża l ewwel darba din il password il-user jiġi mitlub mis-sistema biex jibdilha. Jidher li din hija proċedura in place u tiġi prattikata regolarment.

Jiġi rilevat li l-employer huwa s-sid tal-hardware kollu inkluż l-email archives. L-impjegat ma għandu ebda drittijiet fuq l-email identity tiegħu jew tagħha. Hija email address magħżul mill-employer u mhux mill-impjegat u l-użu tiegħu huwa biss għall-użu relatat max-xogħol u mhux għall-użu privat.

Ġeneralment, bħala kortesija, l-impjegati jżommu dawn l-accounts attivi għal żmien limitat sabiex jevitaw li jsir dak li jissejjaħ 'rejecting business-related communications' u emails personali tal-ex impjegat jiġu mgħoddija lilu jew lilha. Iżda meta l-email tal-ex impjegat jiġi użat sabiex bħal ma gara f'dan il-każ sabiex ikun hemm kontinwita u ma jkunx hemm deadlines f'applikazzjonijiet mal-Unjoni Ewropeja ma jiskadux id-deadlines u jeħlu penali, dan l-employer għandu dritt li jagħmel dan.

F'dan il-kaz l-artikolu 9 (c) tal-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li d-data personali jistgħu jkunu proċessati biss jekk "l-ipproċessar ikun meħtieġ biex titħares xi obbligazzjoni legali li l-kontrollur ikun suġġett għaliha" japplika fil-fatti tal-każ in kwistjoni – Aġenzija hija responsabbli mil-programm Erasmus tal-Unjoni Ewropeja u marbuta b'deadlines u tista' teħel penali jekk ma tonorax dawn id-deadlines u li għalhekk kienet kostretta li tagħmel dak li għamlet sabiex ix-xogħol jibqa' għaddej. L-istess jista' jingħad għall-artikolu 9(e) tal-istess Kap stante li l-ipprocessar kien meħtieġ għat-twettiq ta' attività li ssir fl-interess pubbliku – tajjeb jingħad li l-programm Erasmus jibbenefikaw minnhom eluf ta' studenti Maltin u li kieku l-Aġenzija ma tapplikax għal tali fondi fil-ħin jew ma tagħmilx dak rikjest minnha mill-Kummissjoni Ewropeja fil-ħin, tali programm ma jkunx jista' jsir bi preġudizzju għal dawn l-istudenti.

Issa jekk l-appellanti kellha data personali cioe personal file ecc li mhux marbuta man-natura tax-xogħol tagħha dak huwa riskju li ħadet l-appellanti stante li hija ma setgħetx tagħmel dan stante li l-mailbox tax-xogħol hija biss għall-affarijiet relatati max-xogħol u wkoll, kif diga ingħad, l-employer huwa s-sid tal-hardware kollu inkluż l-email archives..

Issa kellu f'dan il-każ jistenna sal-25 ta' Frar 2016 biex jagħlaq kompletament dan l-account, fil-fehma tat-Tribunal dan ma kellux ikun Iżda dan ma jbiddel xejn minn dak li qed jirrileva dan it-Tribunal.

**Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi dan l-appell qed jiġi miċħud.**

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru